**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – IL-ĦAMIS 8 T' OTTUBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa Il-Ħamis 8 t' Ottubru 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Maria Magri | Kunsilliera |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġiji.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku qara ittra li kienet ġejja mill-Katidral ta' San Ġwann fejn stednuna biex norganiżżaw gruppi għall żjajar fil-Katidral.

3.2 Is-Sindku ressaq email li kienet ġejja minn naħa tal-MCCF rigward li jinxtraw ponsietta. Huwa qal li nistgħu naraw biex dawn jinxtraw u jitqassmu lill-Għaqdiet bħala ġest mill-Kunsill Lokali.

3.3 Is-Sindku irrefera għall webinar li se jsir rigward animal rights. Huwa qal li jekk hemm minn hu interessat jista jattendi għalih.

3.4 Is-Sindku irrefera għall stedina li kienet waslet mir-Reġjun Nofsinhar fir-rigward tal-okkażżjoni tal-Pink October biex dawk il-Kunsilli li ħadu inizjattiva u xegħelu l-faċċati jibgħatu ritratti jkunu jistgħu jattendu għall attività li ser issir mill-Marigold Foundation. Il-

Kunsilliera Magri semmiet li minn naħa tagħna nistgħu nixgħelu l-faċċata tal-Kunsill jew xi bini ieħor prominenti. Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm persuna li jista jkellmu biex isiru l-arranġamenti. Huwa qal li se jikkordina biex isir kollox sal-weekend.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsilliera Massa qalet li sellietilna Sister Mary għax kienet kellmitha. Is-Sindku qal li rridu naraw rigward il-Premju Anzjanita Attiva peress li kienet issemmiet hi fil-laqgħa preċedenti.

4.2 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li titnaddaf Triq Sebastiano Saliba.

4.3 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm ħafna kurduna nieqsa fejn hemm il-Beko. Is-Sindku qallu biex jiftiehem miegħu u jmorru jarawha flimkien. Huwa qallu li bħalissa l-problema biex jirranġawha tkun peress li m' għandniex vann biex naħdmu.

4.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk jistax jirċievi notifika meta tkun imħallsa l-allowance fuq il-kont tiegħu. Is-Segretarju qallu li dan irid jiċċekkja mal-Bank għax jitolbuh id-dettalji tiegħu.

4.5 Il-Kunsillier Caruana ressaq stima fuq il-vann bi specifications fejn irrakkomanda li nimxu ma dawk l-ispeċifiazzjonijiet. Is-Segretarju semma li l-vann irid jintgħażel wara li jinħareġ tender, peress li dan jaqbeż it-tresholds li hemm stipulati fil-liġi tal-Kunsilli.

4.6 Il-Kunsilliera Massa saqsiet rigward it-tilqima tal-influwenza. Is-Sindku semma li huwa jkun qed jkellimhom biex naraw kif kellhom lokalitajiet oħra dati ġodda jkun hemm għall Ħal Luqa wkoll.

4.7 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-traffic management li kellu isir f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa m' uffiċċjali tat-Transport Malta fejn dawn ipproponew li jsiru skemi ta' parkeġġ quddiem il-Convenience u partijiet oħra. Huwa qal li wara dawn il-proposti l-Kunsill se jkompli jmexxi fuq dak li hemm bżonn għall kumdita ta' kulħadd.

4.8 Il-Kunsilliera Magri tkellmet dwar l-iskema tas-CCTV li kien hemm mir-Reġjun. Is-Segretarju semma li huwa kien diġà kellem lis-Segretarju tar-Reġjun Nofsinhar. Huwa qal li ser jerġa jara miegħu x' hemm bżonn. Is-Sindku qal li dawn iridu jsiru Triq Patri Indri Schembri u f' Ħal Farruġ.

4.9 Il-Kunsillier Aquilina saqsa kif ma kienx mistieden għall okkażżjoni taż-żjara li saret mill-Onor. Parnis fid-Daycentre. Is-Sindku qal li l-invit kien wasal mill-lum għall għada u kien mistieden huwa biss bħala Sindku.

4.10 Il-Kunsillier Aquilina semma li meta issir Triq il-Ġdida irridu naraw li l-main tad-drenaġġ jitwessa peress li żdiedu l-eżiġenzi. Is-Sindku qal li diġà kien hemm l-Onor. Silvio Schembri li kien qed jagħmel pressjoni minn naħa tiegħu biex ix-xogħolijiet isiru kif suppost u jinbeda x-xogħol mill-aktar fiss fuq din it-Triq.

4.11 Il-Kunsillier Caruana semma li għandna nikkunsidraw li fi Triq San Tumas issir tabella No Acces for Heavy vehicle except to render a Service, minħabba li qed ikun il-konġestjoni.

## 5. XOGĦOLIJIET

5.1 Is-Sindku ressaq stima fuq ix-xogħol ta' paving stone li għandu jsir fejn hemm iz-zuntier tal-Knisja. Huwa qal li kien hemm żewġ tipi ta' materjal fejn huwa semma li dak li kien

jiswa madwar Euro 8,000 kien viċin ħafna għall materjal eżistenti li kien hemm u ta' kwalità superjuri. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-parti taz-zuntier tal-Knisja għandha tkun paved b' dak il-materjal li jqarreb ma dak li hemm eżistenti.

## 6. STIMA TAL-LATRINA

6.1 Is-Sindku ressaq żewġ stimi biex isir is-saqaf tal-latrina. Huwa qal li kien hemm stima tal-istess kuntrattur li bħalissa qed jaħdem fuq l-embellishment tal-latrina li telgħet għall prezz ta Euro 20,900, filwaqt li inġiebet stima oħra ta' Euro 9,000 minn kuntrattur differenti. Is-Sindku qal li għall dan ix-xogħol iridu nagħżlu l-aktar offerta vantaġġjuża bħala prezz. Il-Kunsilliera qablu li għandna mmorru għall offerta ta' Euro 9,000.

## 7. RESTAWR TAN-NIĊEĊ

7.1 Is-Sindku semma li r-restawr li kien sar fuq in-niċeċ kien tajjeb u dik tal-Qalb ta' Ġesu kien jonqosha li jsir il-fanal wara li kien instab il-brazz tiegħu. Huwa ressaq stima li biha kien se jinħadem fanal ta' kif dan seta kien. Is-Sindku qal li dan irid isir skont kif hemm fuq niċeċ oħra madwar Malta. Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir dan ix-xogħol.

## 8. TENDERS

8.1 Ma kienx hemm diskussjoni taħt dan is-suġġett.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Il-Kunsillier Aquilina saqsa kif il-pagament dovut lil Mallia Stoneworks kien maqsum fi tlett pagamenti. Is-Segretarju qal li dan kien skont l-istima li huwa ppreżenta. Huwa qal li t-total tat-tlett pagament huwa konformi anki peress li dan iċċekkjah.

9.2 Il-Kunsillier Aquilina saqsa kif il-kont tad-dawl tal-ex-Uffiċċju Amministrattiv kien tela daqshekk, meta ma kienx qed jintuża. Is-Segretarju qal li hawnhekk jiltaqgġu l-Għaqdiet volontarji anki matul is-Sajf, kif kien ikopri l-kont. Is-Sindku qal li għandna nikkoperaw mal-Għaqdiet lokali u ma nfittxux għad differenzi.

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2020 fis-6.38 pm. Kien hemm proposta d-data tal-4 ta' Novembru 2020 għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**
**SINDKU**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**